Minuti tat-15 il-laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Gimgha 30 ta' Lulju, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

Din il-laqgha issejjhet b'urgenza minhabba l-iskema tal-Gvern ta' sussidju fuq il-photovoltaic panels liema skema giet imhabbra u ser taghlaq fi ftit jiem.

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-problema ta' *tipping* ta' skart fi Triq San Pietru fl-area fejn kien hemm l-iskips. Is-Sindku semma kaz ta' rimi ta' zewg kompjuters li ntremew proprju siegha wara li sar il-gbir ta' l-iskart. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-problema ghandha tigi indirazzata u ghandha issir laqgha ghas-sidien tal-farmhouses.

1. **Offerti Photovoltaic panels – Ten 05/10 u skema sussidju tal-Gvern dwar il-pannelli solari.**

1.1 Is-Sindku ipprezenta lill-membri kollha prezenti skeda sommarju tal-offerti kollha mitfugha. Din l-iskeda giet ippreparata mill-Ing. Mario Galea li kien inkarigat mill-Kunsill biex jaghti parir tekniku dwar dawn l-offerti.

1.2 Peress li l-Ing. Galea ma setax jattendi ghal-laqgha prezenti gie iffissat appuntament mieghu biex jiltaqa mal-Kunsill l-Erbgha 4 ta' Awissu, hin 5.00pm. Il-Kunsill qabel li l-Ingineer ghandu jigi inkarigat jitlob xi kjarifici lill-kuntratturi fosthom: peress li uhud mill-kuntratturi indikaw qies ta' sistema, jekk is-sistema tistax tkun offruta f'qies izghar jew ikbar. Jekk il-prezz kull Watt jibqax l-istess ghall-sistemi minn 1 sa 5 KW jibqax l-istess. Kjarifika dwar il-kolonna struttura.

1.3 Il-Kunsill qabel illi wara il-laqgha mal-Ing. Galea ghandha ssir laqgha ghal dawk ir-residenti li huma interessati f'din l-iskema u li ghal din il-laqgha ghandu jibqa prezenti l-Ing. Galea sabiex ikun jista' jirrispondi ghad-domandi tar-residenti. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jinhargu l-avvizi f'dan ir-rigward.

**2. Progett ta' Wied il-Mielah – Kwotazzjonijiet.**

**2.1 Kwotazzjoni ghal tabelli direzzjonali (ERDF022-32)**

Infethu il-kwotazzjoni sottomessi. Il-Kunsill wara li ra it-tliet kwotazzjonijiet mitfugha minghand Francis Cassar, Joseph Camenzuli u Marpin Azzopardi qabel li l-kuntratt ghat-tabelli direzzjoni ghandu jinghata lil Joseph Camenzuli ghall-prezz ta' €2750. Iz-zewg kwotazzjonijiet l-ohra qabzu il-budget stipulat.

**2.2 Kwotazzjoni ghall-plakka tar-irham (ERDF 022-31 )**

Infethu il-kwotazzjonijiet sottomessi. Intefghet kwotazzjoni wahda minghand Raymond Bonello ghall-prezz ta' €500. Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt ghall-plakka tal-irham ghandu jinghata lil Raymond Bonello.

**3. Materji ohra.**

2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-performance tal-grupp ta' Angie Laus ghall-Jum l-Gharb 2010 li ser isir fil-5 ta' Settembru, 2010. Il-prezz ta' din il-performance huwa ta' €250.00.

2.2 Offerta ghall-kiri ta' karozza self-drive.
Gie spjegat illi wara li gie ikkuntattjat it-tenderer sabiex jinghata skont kif gie deciz fil-laqgha precedenti, it-tenderer qal li mhuwiex f'pozizzjoni li joffri skont. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li ghandha tigi accettata din l-offerta ghall-kiri bil-gurnata.

Il-laqgha spiccat hin 7.15pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv